# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 17 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 25.**
**Citazz. Nru. 2348/97 JRM.**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Alfred Debono.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta attrici wara li ppremetiet:

Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 378730 fil-fond ‘Villa Deboran’ Triq il-Mielah, Madliena, u dana skond ma’ kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe’ kopja fotostatika awtentikata tas-‘service agreement’ ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess 'service agreement' l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

Illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' LM2666.24 (elfejn, sitt mija u sitta u sittin liri maltin u erbgha u ghoxrin centezmi) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazjoni, overseas calls, kera tal-linja, u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma' kif jirrizulta mill-anness 'statement' immarkat bhala dokument B;

Illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' LM2666.24 dovuta ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazjoni, overseas calls, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittri ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;
Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' LM2666.24 (elfejn sitt mija sitta u sittin lira maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazjoni , overseas calls, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u kera tal-linja in konnessjoni mas-servizz telefoniku hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut u bl-ispejjez konprizi dawk tal-prezenti, tal-ittri ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u l-imghax legali kontra l-konvenut.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17, t'Ottubru, 2000.**